**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 24 ta' Novembru, 2016

Rikors numru : 514/2016 AL

AB
U
CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

Illi l-partijiet kienu zzewgu fl-erbgha u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elf disa` mija hamsa u sittin (24.10.1965) (ara dokument anness u mmarkat bhala Dok. A) u minn dan iz-zwieg kellhom zewg subien li huma maggorenni;

Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Tonio Spiteri tas-sittax ta' Dicembru, tas-sena elf disa` mija u sitta u tmenin (16/12/1986) (ara dokument anness u mmarkat bhala Dok. B) u ilhom legalment separati 'l fuq minn ghoxrin sena.

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom 'l fuq minn ghoxrin sena jghixu

separatament, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin (affidavits annessi u mmarkata Dok. C u D);

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju peress illi uliedhom huma maggorenni u skont l-artikolu tlieta (3) tal-istess kuntratt ta' separazzjoni, Esther Scicluna kienet iddekadiet mid-dritt ta' kwalunkwe manteniment.

Ii l-fatti hawn imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Novembru, 2016;

Rat l-affidavits bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mis-16 ta' Dicembru 1986;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.